22002D0093

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 93/2002

tal-25 ta' Ġunju 2002

li temenda l-Anness XXII (Liġi tal-Kumpanniji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 10/2002 ta' l-1 ta' Frar 2002 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut għal kumpannija Ewropea (SE) ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 10 (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2137/85) ta' l-Anness XXII tal-Ftehim:

"10a. **32001 R 2157**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut għal kumpannija Ewropea (SE) (ĠU L 294, ta' l-10.11.2001, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-iskopijiet tal-Ftehim presenti, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Anness I tar-Regolament:

'– L-Islanda

Hlutafélag;

– Liechtenstein:

die Aktiengesellschaft,

die Kommanditaktiengesellschaft;

– In-Norveġja

Allmennaksjeselskap.'

(b) Dan li ġej għandu jiżdied ma' l-Anness II tar-Regolament:

'– L-Islanda

Hlutafélag,

Einkahlutafélag;

([1]) ĠU L 88, ta' l-4.4.2002, p. 22.
([2]) ĠU L 294, ta' l-10.11.2001, p. 1.

– Liechtenstein:

die Aktiengesellschaft

die Kommanditaktiengesellschaft

die Gesellschaft mit beschränkter Haftung;

– In-Norveġja

Allmennaksjeselskap,

Aksjeselskap.'"

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 2157/2001 fl-ilsna ta' l-Islanda u n-Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Ġunju 2002, previst li n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, 25 Ġunju 2002.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ħtiġijiet kostituzzjonali indikati.